# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Diċembru, 2020**

**Numru**

**Rikors Numru 159/19TA**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

**vs**

**Robert Wallis (Passaport Ingliż numru 201613381) u Jillian A Wallis (Passaport Ingliż numru 207396328)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' Attriċi tad-19 ta' Frar 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi in forza ta' kuntratt tal-31 ta' Jannar 2007 fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Coppoini, il-Bank attur ikkonċeda faċilita` bankarja lill-konvenuti Robert u Jillian A. konjugi Wallis solidalment bejniethom konsistenti f'self, u dan wara *sanction letter* maħruġa mill-istess Bank attur datata 31 ta' Ottubru 2006 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-*sanction letter* hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok. B);

2. Illi l-konvenuti naqsu milli jagħmlu l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-*sanction letter* u għaldaqstant huma ddekadew mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess *sanction letter* u tal-kuntratt ta' self relattiv;

3. Illi fuq dan is-self il-konvenuti huma għalhekk debituri solidali tal-Bank attur fis-somma ta' mija u sebgħa u sebgħin elf, sitt mija u erba' ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€177,604.44) dovuta in kwantu għal mija u sebgħa u għoxrin elf, disa' mija u tmienja u tletin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€127,938.98) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti disgħa u erbgħin elf, sitt mija u ħamsa u sittin ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€49,665.46) bħala imgħax ikkalkulat sal-21 ta' Jannar 2019, kif jirriżulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. C, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-22 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi fl-4 ta' Ġunju 2007, il-Bank attur ta faċilitajiet bankarji oħra lill-konvenuti konsistenti f'*rescheduled overdraft* (Kont numru 006-144752-340), fuq liema kont il-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fis-somma ta' ħmistax-il elf, mitejn u tmenin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€15,280.81) dovuta in kwantu għal disat elef, ħames mija u tlettax-il ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€9,513.76) bħala kapital u r-rimanenti ħamest elef, seba' mija u sebgħa u sittin ewro u ħames ċenteżmi (€5,767.05) bħala imgħax ikkalkulat sal-21 ta' Jannar 2019, kif jirriżulta mill-anness *statement of account* immarkat Dok. D, oltre l-imgħax legali ulterjuri mit-22 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv;

5. Illi għalhekk il-konvenuti huma debituri tal-bank attur fis-somma globali ta' mija u tnejn u disgħin elf, tmin mija u ħamsa u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€192,885.25) oltre l-imgħax ultejuri kif spjegat;

6. Illi l-konvenuti, għalkemm interpellati kemm-il darba biex iħallsu l-ammonti fuq indikati, anke permezz ta' ittra uffiċjali datata 2 ta' Frar 2012 li ġġib in-numru 161/12 (annessa bħala Dok.E) baqgħu inadempjenti:-

Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:

(i) Tiddikjara li l-konvenuti Robert Wallis u Jilliam A Wallis huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' mija u tnejn u disgħin elf, tmin mija u ħamsa u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€192,885.25) dovuta fuq iż-żewġ kontijiet kif fuq spjegat;

(ii) Tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' mija u tnejn u disgħin elf, tmin mija u ħamsa u tmin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€192,885.25) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena

> fuq l-istess somma mit-22 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv.
>
> Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 2 ta' Frar 2012 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."

Rat li r-rikors debitament notifikat kif titlob il-liġi lill-konvenuti dawn baqgħu ma għamlu ebda risposta kif titlob il-liġi;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti mis-Soċjeta' Attriċi kemm mar-rikors ġuramentat u kif ukoll fil-kors tal-Kawża;

Semgħet ix-xhieda prodotta mis-Soċjeta' Attriċi;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Dak li qegħdha titlob is-Soċjeta' Attriċi fil-kwalita' tagħha bħala Bank Kummerċjali huwa r-radd lura ta' flejjes mislufa lill-konvenuti in virtu ta' Kuntratt pubbliku tal-31 ta' Jannar tal-2007 fl-atti tan-nutar Mark Coppini (ara a' fol 6). Di piu' s-Soċjeta' Attriċi qegħdha ukoll titlob il-ħlas lura ta' ammont mogħti lill-konvenuti abbażi ta' *rescheduled overdraft* (kont numru 006-144752-340).

Il-Qorti eżaminat id-dokukmenti prodotti mis-Soċjeta' Attriċi. Semgħet ukoll ix-xhieda imressqa. Xehdet fost oħrajn Doreen Cunningham fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020 (a' fol 160 et sequens). Din tixhed li sa Mejju 2011 il-

Konvenuti kienu għadhom jagħmlu pagamenti regolarment u anke f'dawn l-okkażżjonijiet mhux dejjem skont kif miftiehem. Minn Mejju tal-2011 ma baqgħux isiru pagamenti pero' l-Bank xorta baqa' jħallas il-*house insurance*. Dan jidher ukoll minn dok DC1, għalkemm irid jingħad, li fit-28 ta' Frar 2017 sar xi depositu li presumibilment ekwivalenti għall-ħlas ta' premium tal-assigurazzjoni, fatt li ftit li xejn jinċidi fuq il-fondatezza tat-talbiet Attriċi (a' fol 164).

Fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2020, stante li l-Konvenuti baqgħu fi stat ta' kontumaċja, il-Qorti wara li rat artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta ikkonċeditilhom sabiex fi żmien ħmistax-il jum minn dik is-seduta jagħmlu nota ta' osservazzjoniijiet. B'dana kollu dan ma għamluhx.

Wara li l-Qorti eżaminat l-atti, dokumenti u xhieda tas-Soċjeta' Attriċi, din il-Qorti hija konvinta li s-Soċjeta' Attriċi rnexxielha tipprova l-pretensjonijiet tagħha kemm fil-fatt u anke fid-dritt. Il-konsegwenza hija ċara u ċioe' li t-talbiet Attriċi għandhom jintlaqgħu.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti u ċioe':

**Tilqa'** l-ewwel talba Attriċi u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri solidali fil-konfront tas-Soċjeta' Attriċi u ċioe' il-Bank Attur fis-somma ta' mija u tnejn u disgħin elf, tmin mija u ħamsa u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin

ċenteżmu (€192,885.25) dovuta fuq iż-żewġ kontijiet kif indikati mill-istess Bank Attur.

**Tilqa'** għalhekk it-tieni t-talba u tikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank Attur l-imsemmija somma ta' mija u tnejn u disgħin elf , tmin mija u ħamsa u tmenin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€192,885.25) bl-imgħaxijiet legali mit-22 ta' Jannar 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes a' karigu tal-konvenuti, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali mit-12 ta' Frar 2012 u tal-mandat ta' sekwestru presentat kontestwalment mal-kawża.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**